



2024/1602

31.5.2024

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1602**

**tal-31 ta' Mejju 2024**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 47 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Lulju 2017, il-Kunsill iddikjara li l-Unjoni kienet ser tqis rispons xieraq ulterjuri għall-azzjonijiet tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (ir-"RDPK") li jdgħajfu r-reġim globali tan-nonproliferazzjoni u d-diżarm, b'mod partikolari permezz ta' miżuri restrittivi awtonomi addizzjonali.
- (3) Fit-22 ta' Diċembru 2017, fir-Riżoluzzjoni 2397 (2017) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("UNSCR"), il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") afferma mill-ġdid li r-RDPK ma għandhiex twettaq aktar illanċjar bl-użu tat-teknoloġija tal-missili ballistiċi, testijiet nukleari, jew kwalunkwe provokazzjoni oħra; għandha immedjatament tissospendi l-attivitajiet kollha marbuta mal-programm tal-missili ballistiċi tagħha u f'dan il-kuntest tistabbilixxi mill-ġdid l-impenji eżistenti minn qabel għal moratorju fuq l-illanċjar kollu tal-missili; għandha immedjatament tabbanduna l-armi nukleari kollha u l-programmi nukleari eżistenti kollha b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli, u immedjatament twaqqaf l-attivitajiet kollha relatati; u għandha tabbanduna kwalunkwe arma eżistenti oħra ta' qerda massiva u programmi ta' missili ballistiċi b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli.
- (4) Fid-19 ta' Diċembru 2023, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li tikkundanna bil-qawwa l-illanċjar, fit-18 ta' Diċembru 2023, mir-RDPK ta' missila ballistika interkontinentali, għall-ħames darba fl-2023, wara l-illanċjar ta' missila ballistika ta' medda qasira fil-jum ta' qabel, li kiser b'mod sfaċċat l-UNSCRs. Din id-dikjarazzjoni ssottolinjat li r-RDPK trid tikkonforma minnufih mal-obbligi tagħha skont il-UNSCRs billi tabbanduna l-armi nukleari kollha tagħha, armi oħra ta' qerda massiva, programmi ta' missili ballistiċi u programmi nukleari eżistenti, b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli, u twaqqaf l-attivitajiet kollha marbuta. Tenniet li r-RDPK ma jista' u qatt mhu ser ikollha l-istatus ta' stat li għandu armi nukleari skont it-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP). Ir-Rappreżentant Għoli ħeġġeġ lir-RDPK u lir-Russja jżommu lura minn kwalunkwe skambju ta' tagħmir militari, teknoloġija tal-missili jew munizzjon u jirrispettaw l-UNSCRs suċċessivi li jipprojbixxu b'mod ċar kwalunkwe esportazzjoni jew importazzjoni tal-armi li jinvolvu r-RDPK u kkundanna kwalunkwe appoġġ militari għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna pprovdut mir-RDPK, filwaqt li tenna tħassib serju dwar rapporti ta' trasferimenti tal-armi tar-RDPK lejn ir-Russja.
- (5) Mill-1 ta' Jannar 2024 sal-15 ta' Mejju 2024, ir-RDPK nediet mill-inqas 12-il missila ballistika, u kull wieħed minn dawk l-illanċjar jerġa' jikkostitwixxi ksur ċar tal-UNSCRs.
- (6) Id-dikjarazzjonijiet mill-Kelliem tar-Rappreżentant Għoli fil-15 ta' Jannar 2024 u fit-2 ta' April 2024 ikkundannaw l-illanċjar ta' missili ballistiċi tar-RDPK u tennew l-appelli lir-RDPK biex twaqqaf l-azzjonijiet illegali kollha li jheddu l-paċi u s-sigurtà reġjonali u internazzjonali, filwaqt li ħeġġew lir-RDPK tinvolvi ruħha fi djalogu mal-partijiet rilevanti u tikkonforma mal-obbligi tagħha, skont il-UNSCRs li tabbanduna l-armi nukleari u l-missili ballistiċi tagħha b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli.
- (7) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill Ewropew ikkundanna l-appoġġ militari li qed jibqa' jingħata mir-RDPK, il-Belarusja u l-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja

<sup>(1)</sup> ĠU L 224 31.8.2017, p. 1.

- (8) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Marzu 2024, il-Kunsill Ewropew appella biex jitħejjew aktar sanzjonijiet kontra r-RDPK, il-Belarusja u l-Iran..
- (9) Fid-dawl tal-attivitajiet kontinwi relatati mal-missili ballistiċi mwettqa mir-RDPK, bi ksur tal-UNSCRs rilevanti u b'nuqqas ta' rispett sfaċċat għalihom, kif ukoll l-appoġġ militari mogħti mir-RDPK lill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jenħtieġ li sitt individwi u tliet entitajiet jiġu inklużi fil-listi ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Annessi XV u XVI tar-Regolament (UE) 2017/1509.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/1509 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi XV u XVI tar-Regolament (UE) 2017/1509 huma emendati kif jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Mejju 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. LAHBIB

ANNEX

Ir-Regolament (UE) 2017/1509 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness XV huwa emendat kif ġej:

(a) taħt l-intestatura “(a) Persuni fiżiċi indikati f’konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 34(4)”, jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

|     | Isem (u psewdonimi possibbli) | Psewdonimu                                                                | Informazzjoni ta' identifikazzjoni                                                                                                            | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
|-----|-------------------------------|---------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 37. | SONG Rim<br>송림                | Naya Liu                                                                  | Data tat-twelid: 25.2.1991<br>Ċttadinanza: DPRK<br>Sess: raġl                                                                                 | 31.5.2024              | Il-Bord ta' Esperti tan-NU jirrapporta li Song Rim huwa hddiem għl 'Biryugang Overseas Technology Cooperation Company' (Kap tad-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-IT) li hija marbuta direttament ma' 'Hapjanggang Trading Corporation', li hija subordinata għall-Ministeru għall-Industrija tar-Rokits tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea. Song Rim, hddiem tal-IT tar-RDPK, ġe identifikat f'vidjo apparentement promozzjonali għl applikazzjoni tal-hacking bil-vishing bil-vuċ, kif enfasizzat mill-Bord ta' Esperti fir-rapport ta' nofs it-terminu tiegħ tal-2022. L-individwu huwa għlhekk involut direttament fl-ġhti ta' appoġġ għall-programmi illeċti tar-RDPK.                                                                     |
| 38. | KIM Chol Sok                  | Sok Kha; Lee Un-Kang; Chang Sok-kha; Kang Hyok; Li Yun-chiang; Steven Lee | Data tat-twelid: 1.1.1970<br>Ċttadinanza: DPRK<br>Sess: raġl<br>Passaport: D0004492 (passaport diplomatiku tal-Kambodja, attwalment invalidu) | 31.5.2024              | Il-Bord ta' Esperti tan-NU jirrapporta li uffiċal tal-intelligence tar-Reconnaissance General Bureau tar-RDPK, bl-isem ta' Kim Chol Sok, opera lukandi, każinojiet, ristoranti u bars fil-Kambodja minn nofs l-2020 u hdem biex jespandi l-attivitajiet kummerċjali tiegħu fit-turiżmu kif ukoll f'setturi kummerċjali oħra, bħall-estrazzjoni ta' metalli prezzjużi. Permezz tal-attività illeċta tiegħ fil-Kambodja, qed jiġġenera munita barranija filwaqt li jaħem għr-Reconnaissance General Bureau. Ir-Reconnaissance General Bureau ilu taħ sanzjonijiet tan-NU minn UNSCR 2270 (2016) tat-2 ta' Marzu 2016. Kim Chol Sok huwa involut direttament fil-ksur tar-riżoluzzjonijiet tal-KSNU u fl-ġhti ta' fondi għall-programmi illeċti tar-RDPK. |

|     | Isem (u psewdonimi possibbli) | Psewdonimu | Informazzjoni ta' identifikazzjoni                                                                                                                                                | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          |
|-----|-------------------------------|------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 39. | RIM Yong Hyok                 | Abu Rim    | Data tat-twelid: 4.3.1972<br>Post tat-twelid: DPRK<br>Ċttadinanza: DPRK<br>Sess: raġl<br><br>Viċ Rappreżentant għl Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID) fis-Sirja | 31.5.2024              | Rim Yong Hyok huwa l-Viċ Rappreżentant fis-Sirja għl Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID) sanzjonata min-NU, li hija n-negozjant primarju tal-armi u l-esportatur ewlieni ta' oġġetti u tagħir relatati ma' missili ballistiċ u armi konvenzjonali mir-RDPK. Skont ir-Rapport tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Korea Mining and Development Trading Company (KOMID) u ċċlloli delegati sussidjarji tagħha, l-intrapriżi tal-istat tar-RDPK kienu magħfufi li jaqdu rwol ewlieni fil-bejgħtal-armi tar-RDPK f'konflitti globali. Rim Yong Hyok ilu jippromwovi u jforni armi u munizzjon magħmulin mir-RDPK fis-Sirja, inkluż lil ċttadini Russi, li wassal għad-deżinjazzjoni tiegħ taħ sanzjonijiet tal-Istati Uniti. Huwa involut direttament fil-programmi illeċti tar-RDPK." |

(b) taħ l-intestatura “(b) Persuni ġridiċ, entitajiet u korpi indikati f’konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 34(4)”, tiżdied l-entrata li ġija:

|     | Isem (u psewdonimi possibbli)               | Psewdonimu | Lokalità | Data tad-deżinjazzjoni | Raġnijiet                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
|-----|---------------------------------------------|------------|----------|------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| “7. | Hapjanggal Trading Corporation -<br>합장강무역회사 |            |          | 31.5.2024              | Il-Bord ta' Esperti tan-NU jirrapporta li 'Hapjanggal Trading Corporation' hija subordinata għll-Ministeru għll-Industrija tar-Rokits tar-RDPK. Il-Ministeru għll-Industrija tar-Rokits huwa aġnzija tad-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjonijiet, li huwa responsabbli għall-iżvilupp tat-teknoloġja nukleari u tal-missili. Bħla tali, l-entità hija direttament involuta fil-programmi illeċti tar-RDPK." |

(c) taħ l-intestatura “(c) Persuni fiżiċ indikati f’konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 34(4)”, tiżdied l-entrata li ġija:

|     | Isem (u psewdonimi possibbli) | Psewdonimu | Informazzjoni ta’ identifikazzjoni                                                                                                                                                     | Data tad-deżinjazzjoni | Raġnijiet                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
|-----|-------------------------------|------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| “7. | KIM Kyong Nam<br>김경남          |            | Data tat-twelid: 11.7.1976<br>Ċttadinanza: DPRK<br>Sess: raġl<br>Rappreżentant tal-Foreign Trade Bank of the Democratic People’s Republic of Korea f’Khabarovsk, il-Federazzjoni Russa | 31.5.2024              | Il-Bord ta’ Esperti tan-NU rċieva informazzjoni minn diversi Stati Membri tan-NU dwar li Kim Kyong Nam huwa rappreżentant tal-Foreign Trade Bank (FTB), il-bank primarju tal-kambju tar-RDPK. L-FTB ġe sanzjonat mill-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà stabbilit skont UNSCR 1718 (2006) fis-26 ta’ Lulju 2022. Fil-pożizzjoni tiegħ, Kim Kyong Nam huwa direttament involut fl-ġhti ta’ appoġġ għall-programmi illeċti tar-RDPK.” |

(d) taħ l-intestatura “(d) Persuni ġridiċ, entitajiet u korpi indikati f’konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 34(4)”, tiżdied l-entrata li ġija:

|     | Isem (u psewdonimi possibbli)                       | Psewdonimu                    | Lokalità        | Data tad-deżinjazzjoni | Raġnijiet                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        |
|-----|-----------------------------------------------------|-------------------------------|-----------------|------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| “1. | Korea Namgang Trading Corporation (NTC)<br>조선남강무역회사 | Korea Namgang Trading Company | Pyongyang, RDPK | 31.5.2024              | ‘Korea Namgang Trading Corporation’ hija responsabbli għall-espatrijazzjoni ta’ ħaddiema mir-RDPK inkluż l-espatrijazzjoni biex jiġi ġġenerat dhl għall-gvern tar-RDPK jew għall-Partit tal-Ħddiema tal-Korea.. Namgang Trading Corporation hija involuta fiċċklu loġstiku tal-aspatrijazzjoni tal-ħaddiema u tittratta l-viżi, il-passaporti u t-tluq tal-persunal tar-RDPK għal impjeg barra mill-pajjiż. Il-persunal tiegħ mbagħd jibgħt il-fondi lura lejn ir-RDPK, li xi whd minnhom jintbagħu direttament lura lejn il-gvern tar-RDPK. L-espatrijazzjoni kontinwa mir-RDPK ta’ ċttadini tar-RDPK bħla ħddiema illeċti hija parti minn sforz li għddej biex jiddghjfu u jiġi evitati UNSCR 2375 (2017) u UNSCR 2397(2017).” |

(2) L-Anness XVI huwa emendat kif ġi:  
(a) taħ l-intestatura “(a) Persuni fiżiċ” jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

|      | Isem (u psewdonimi possibbli)                           | Informazzjoni ta' identifikazzjoni                                                                                                                                                                                   | Data tad-deżinjazzjoni | Raġnijiet                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
|------|---------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| “32. | AN Se-Ho<br>안세호                                         | Data tat-twelid: 15.6.1976<br>Passaport: 572110043<br>Ċttadinanza: DPRK<br>Sess: raġl<br>Intermedjarju għall-proġtt ta' kostruzzjoni ta' fabbrika tal-munizzjon fil-Mali                                             | 31.5.2024              | An Se-Ho huwa diplomatiku tar-RDPK li qabel kien l-Ewwel Segretarju fl-Ambaxxata tar-RDPK f'Conakry (il-Guinea). L-ambaxxata għqet f'Diċmbru 2023. Huwa kien il-koordinatur ewlieni għall-kostruzzjoni ta' fabbrika tal-munizzjon fil-Mali. Fl-2022, iltaqa' mal-Ministru tal-Mali għall-Amministrazzjoni Territorjali u d-Deċentralizzazzjoni Abdoulaye Maïga. F'Novembru 2022, iltaqa' wkoll ma' uffiċali għlja tal-ġnta Maljana biex jiddiskutu l-kostruzzjoni tal-fabbrika f'Dialakorobougou, qrib Bamako.                                                                                                                        |
| 33.  | Oleg Nikolaevich KOZHEMYAKO<br>Олег Николаевич КОЖЕМЯКО | Data tat-twelid: 17.3.1962<br>Post tat-twelid: Chernigovka, (bir-Russu: Черниговка), Russian Federation<br>Passaport: 572110043<br>Ċttadinanza: Russa<br>Sess: raġl<br>Gvernatur, Primorsky Krai, Russian Federation | 31.5.2024              | Fil-kapaċtà tiegħ bħla gvernatur tar-reġun ta' Primorsky Krai tal-Federazzjoni Russa, Oleg Nikolaevich Kozhemyako qeda rwol strumentali fiż-żjara uffiċali ta' Kim Jong Un ta' Settembru 2023 fil-Federazzjoni Russa. Matul dik iż-żjara, is-Sur Kozhemyako ppreżenta armi u uniformijiet lil Kim Jong Un bħla rigali biex jeħodhom lura lir-RDPK, bi ksur tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Tali materjal imbagħad jintuża mill-forzi armati tar-RDPK u jitfassal mill-ġid u jikkostitwixxi trasferiment indirett ta' teknoloġja lejn ir-RDPK. Għalhekk, huwa qed jassisti fl-evazzjoni tas-sanzjonijiet tan-NU.” |

(b) taħ l-intestatura “(b) Persuni ġridiċ, entitajiet u korpi” tizzied l-entrata li ġija:

|      | Isem (u psewdonimi possibbli)                                                                                             | Lokalità                                                                              | Data tad-deżinjazzjoni | Raġnijiet                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        |
|------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------|------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| “10. | East Stevedoring Company (magħufa wkoll bħla Vostochnaya Stevedoring Company LLC)<br>ООО ‘Восточная Стивидорная Компания’ | Indirizz: 14a, UL. Vnutriportovaya. Vrangeli-1<br>692941 Nakhodka, Russian Federation | 31.5.2024              | Eastern Stevedoring Company, magħufa wkoll bħla Vostochnaya Stevedoring Company, topera t-terminals fil-port ewlieni tal-kontejners tal-Lvant Imbiegħd Russu fil-Port ta’ Vostochny. Huwa permezz ta’ dan il-port fil-Federazzjoni Russa li eluf ta’ kontejners ta’ armi u munizzjon tar-RDPK gw trasferiti lill-forzi armati Russi qabel ma gw ittrasportati lejn qrib l-ewwel linja fl-Ukrajna. Bħla operatur tal-Port ta’ Vostochny, Eastern Stevedoring Company kienet involuta fi trasferimenti ta’ armi mir-RDPK lejn il-Federazzjoni Russa, bi ksur ta’ UN UNSCR 1718 (2006) u UNSCR 1874 (2009) tan-NU.” |